# QORTI TA' L-APPELL

## (APPELL MIT-TRIBUNAL GHAT-TALBIET TAL-KONSUMATUR)

**IMHALLEF**

**ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Jannar, 2001**

**Numru**

**Appell Nru. 1/00 MF**

**Philip Ciantar**

**vs**

**Schembri Batteries Ltd.**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

**L-avviz promotorju**

1. B'avviz ipprezentat mir-rikorrent hu talab ghal erbghin lira (Lm40) jew batterija gdida peress li dik li kellu splodiet.

**Ir-risposta tas-socjeta' intimata**

2. Illi bir-risposta taghha s-socjeta' intimata rriteniet illi l-batterija in kwistjoni qatt ma setghet tisplodi wahedha, izda biss jekk ikun hemm kontribuzzjoni esterna u bhala sostenn ta' dan gie anness mar-risposta *literature* ta' natura teknika sabiex jipprova dan.

**Is-sentenza appellata**

3. L-arbitru ghat-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumaturi fl-award tieghu tat-8 ta' Frar, 2000, ordna lis-socjeta' intimata tbiddel il-batterija billi tissuplixxi batterija ta' l-istess tip u marka bl-ispejjez kontra l-istess intimat.

**L-Appell tas-socjeta' intimata**

4. Illi s-socjeta' intimata hasset ruhha aggravata b'dan l-award u interponiet appell fuq l-aggravju illi principalment il-fatt illi mill-award tieghu hawn fuq indikat l-arbitru ma hax in konsiderazzjoni l-aspetti teknici li gew prezentati mar-risposta tas-socjeta' intimata, liema aspett huwa l-aktar parti essenzjali biex jigi determinat dan il-kaz u b'hekk ma gewx segwiti "*rules of natural justice*" b'mod specifiku l-"*audi alteram partem*".

Illi minkejja t-Tribunal sema' x-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjeta' intimati li xehdu dwar il-fatti tal-kaz li certament mhux kontestati, jigifieri r-rikorrent xtara batterija mis-socjeta' intimata bi prezz ta' erbghin lira Maltin (Lm40) u entro t-terminu tal-garanzija gie lura fejn jidher li kien hemm spluzzjoni. Dan mhux kaz ta' kredibilita' ghaliex iz-zewg partijiet jaqblu ma' dawn il-fatti. Is-socjeta' intimata mhix qeghda taqbel fuq kif gara dan l-ispluzzjoni u bhala sostenn ta' l-argument taghha pproduciet dokumentazzjoni ta' natura xjentifika li juri bic-car li batterija ma tistax tesplodi wahedha, izda b'interferenza esterna. Dan it-Tribunal ghogbu li jeskludi totalment mill-konsiderazzjonijiet tieghu li kien in atti u b'hekk ma semghax lis-socjeta' intimata in intern kif titlob il-ligi. Ghaldaqstant it-Tribunal naqqas li jsegwi "*the rules of natural justice*".

Ghaldaqstant is-socjeta' appellanti talbet li dina l-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar l-*award* tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi tat-8 ta' Frar, 2000, billi din naqset li tisma' l-provi kollha tas-socjeta' esponenti u dan bl-ispejjez kontra r-rikorrent appellat.

**Is-sentenza ta' din il-Qorti**

6. Is-socjeta' konvenuta appellanti tillanja mill-fatt li l-arbitru naqas milli jikkonsidra l-aspetti teknici tal-vertenza dwar il-batterija <u>de quo</u> kif dawn jemergu mir-risposta tieghu - u ghalhekk jissottometti li ma gewx segwiti r-regoli jew il-principji tal-gustizzja naturali u specifikament l-<u>audi alteram partem</u>.

7. Wara li semghet ukoll it-trattazzjoni ta' l-appell, din il-Qorti tibda biex tosserva li l-aggravju tal-konvenut appellant huwa msejjes fuq l-ilment li l-ewwel Tribunal ghamel evalwazzjoni skorretta u ingusta tal-provi prodotti a detriment tieghu biex imbaghad - b'mod imgebbed ghall-ahhar da parti ta' l-appellant - saret konnessjoni ma' dan l-ilment ma' allegazzjoni ta' nuqqas ta' l-*audi alteram partem*.

8. Il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza, fid-dawl tas-sottomissjonijiet taz-zewg partijiet kontendenti, u ma jidhrilhiex li l-aggravju tas-socjeta' konvenuta huwa minimament fondat. Jirrizulta li, wara li kull naha thalliet tipproduci kwalsiasi prova u taghmel dawk l-osservazzjonijiet li jidhrilha li kienu pertinenti ghall-vertenza, it-Tribunal in segwitu ghadda biex jiddelibera "wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll ic-cirkostanzi kollha tal-kaz". It-Tribunal, wara li espona succintement iz-zewg tezijiet reciproci tal-kontendenti deherlu "li l-verzjoni tar-rikorrenti hi aktar kredibbli". B'daqstant ma jfissirx li l-intimat appellant kellu jaqbel bilfors ma' tali decizjoni imma daqstant iehor ma jfissirx li allura ma gewx

segwiti r-regoli tal-gustizzja naturali kif allegat. Kull parti nghatat aditu, kull parti ghamlet il-provi li dehrilha opportuni, kull parti ghamlet is-sottomissjoni taghha u t-Tribunal, wara li qies kollox, ghadda ghad-decizjoni tieghu konformement mal-ligi.

9. Il-bqija ta' l-aggravju tas-socjeta' intimata m'ghandu x'jaqsam xejn ma' l-allegat nuqqasijiet ta' natura proceduralim, kif gie argomentat mill-appellant. Lanqas ma jirrizulta korrett li jinghad li t-Tribunal "ghogbu li jeskludi totalment" partijiet essenzjali mill-konsiderazzjonijiet ta' l-intimati. Ghall-kuntrarju, it-Tribunal deherlu, kif kellu kull dritt li jaghmel, li jacetta verzjoni u jiskarta ohra. Ma hemm assolutament xejn x'jinficja il-procedura adoperata mit-Tribunal, minn punto di vista ta' dritt procedurali, tenut kont li hawn si tratta ta' procedura sommarja.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi tichad l-appell tas-socejta' intimata appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontriha, filwaqt li tikkonferma s-senenza appellata moghtija fit-8 ta' Frar, 2000, fil-kawza fl-ismijiet premessi mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur.

Dep/Reg

mm